MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Mandat Numru. 834/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 834/07 fl-ismijiet:**

**IL-KAMRA MALTIJA GĦAN-NEGOZJI ŻGĦAR U MEDJI (GRTU)**

**vs**

**ONOR. PRIM MINISTRU u l-Ministru tal-Finanzi, Onor. Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija tal-Informazzjoni, d-Direttur Ġenerali (Kuntratti), u Malta Information Technology and Training Services Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-assoċjazzjoni rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli "tissokta, tiffinalizza, taġġudika jew mod ieħor tiddetermina u/jew tikkonkludi

b'mod definittiv il-proċess tat-*tender* maħruġ mill-intimata Malta Information Technology and Training Services Limited (MITTS) bin-numru M390/07 dwar "*leasing of personal computer/laptops and workstation support services – invitation to tender*".";

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2007, li bih laqgħet it-talba provviżorjament u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-8 ta' Ġunju, 2007, li biha opponew għat-talba tar-rikorrenti kemm b'numru ta' "eċċezzjonijiet" ta' xejra proċedurali jew preliminari, u kif ukoll fil-mertu. Dwar tal-ewwel, huma jqanqlu l-kwestjoni li l-intimati Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi m'humiex il-kontraditturi leġittimi tal-proċedura mibdija mir-rikorrenti li jidher li jonqos fiha l-jedd ta' interess attiv (*locus standi judicio*) biex titlob il-ħruġ tal-Mandat, ukoll jekk bil-għan li tirrappreżenta lill-membri tagħha jew uħud minnhom. Fil-mertu, jgħidu li ma jeżistux l-elementi meħtieġa biex din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti għaliex mhux biss il-jedd pretiż ma jidhirx mad-daqqa t'għajn, iżda talli r-rikorrenti lanqas biss tiddefinixxi fiex jikkonsisti l-pretiż jedd. Minbarra dan, jonqsu wkoll l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat u l-fondatezza tal-ilmenti li fuqhom ir-rikorrent tibbaża t-talba tagħha;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-20 ta' Ġunju, 2007;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-intimati għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif konfermata mit-Tweġiba mressqa mill-istess intimati;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħda titlob li jitwaqqaf proċess ta' sejħa għall-offerti magħmula mill-intimata MITTS fil-25 ta' April, 2007[1], lil kull min huwa mħajjar jikri għadd ta' *personal computers* jew *laptops* u/jew li jipprovdi *workstation support services* dwar l-istess. Ir-rikorrenti tgħid li l-imsemmija sejħa tmur kontra l-prinċipji tal-(liġi tal-) Unjoni Ewropeja u dan dwar żewġ aspetti tas-sejħa – jiġifieri (a) dik li titlob li fil-każ ta' *desktop computer*, il-*monitor* provdut għandu jkun tal-istess ditta li tipproduċi t-*tower* jew l-istess *desktop*[2] u (b) dik li titlob lil min jagħmel offerta jrid iressaq ukoll Garanzija ta' Offerti (*bid bond*) fis-somma ta' Lm 25,000;

Tqis li wieħed mill-għanijiet dikjarati tar-rikorrenti huwa dak li tħares l-interesi tal-membri tagħha b'kull mod legali, magħdud it-teħid ta' azzjoni legali fil-qrati[3];

Tqis li b'riżolzzjoni magħmula fil-31 ta' Mejju, 2007[4], l-Kunsill Eżekuttiv tar-rikorrenti awtorizza lis-segretarju tat-Taqsima tagħha tal-Informatika, Joseph Tabone, biex iressaq dan ir-Rikors, wara lmenti mressqin minn għadd ta' mseħbin tagħha li kienu mħajra jitfgħu offerta[5];

Tqis li l-għanijiet għas-sejħa għall-offerti huma dawk li jindividwaw min, minn fost dawk li joffru, jista' jwettaq b'ħila l-ħsieb tal-intimata MITTS li tgħaddi s-servizzi li bħalissa qegħda tagħti lil għadd ta' Ministeri fil-qasam tal-informatika[6]. Fost dawn l-għanijiet, hemm pjan imfassal fuq medda ta' snin li jinbidlu l-*computers* kollha wżati fid-dipartimenti kollha tal-Gvern[7];

---

[1] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 112 tal-atti
[2] Kundizzjoni 4.2.1 tas-sejħa f'paġ. 30 tal-atti
[3] Dok "JT2", f'paġ. 157 tal-atti
[4] Dok "JT1", f'paġ. 174 tal-atti
[5] Xhieda ta' Joseph Tabone 20.6.2007, f'paġġ. 205-6 tal-atti
[6] Kundizzjoni 3 tas-sejħa, f'paġ. 23 tal-atti
[7] Xhieda ta' Alexander Attard 20.6.2007, f'paġ. 219 tal-atti

Tqis li s-sejħa għall-offerti nħarġet taħt ir-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi[8], bil-proċedura magħrufa bħala Offerti Magħmula f'Pakketti Separati[9];

Tqis li l-imsemmija Regolamenti jadottaw (*transpose*) fil-liġi Maltija d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 18 tal-2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Ko-Ordinazzjoni ta' Proċeduri għall-Għoti ta' kuntratti ta' Xogħlijiet Pubbliċi, kuntratti ta' Provvista Pubblika u kuntratti ta' Servizzi Pubbliċi[10];

Tqis li matul iż-żmien minn meta xxandret is-sejħa għall-offerti sa meta kellu jagħlaq iż-żmien biex jitressqu l-offerti, twettaq programm ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati bil-possibilita' li jintalbu kjarifiki u jingħataw tweġibiet mill-intimata MITTS sa żmien stabilit[11];

Tqis li ntalbu u ngħataw tweġibiet ta' kjarifika għal bosta mistoqsijiet, magħduda dawk dwar l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir mitlub[12], kemm dwar il-Garanzija tal-Offerta[13], u kif ukoll dwar min u kif seta' jressaq l-offerta[14];

Tqis li ż-żmien tal-għeluq għat-tressiq tal-offerti kien is-6 ta' Ġunju, 2007, jiġifieri lejliet li tressaq ir-Rikors tal-lum;

Tqis li, mill-kjarifiki li ngħataw mill-intimata MITTS (u dan fi żmien qabel il-jum tal-għeluq meta kellhom jitressqu l-offerti), joħroġ li l-Garanzija għall-Offerti ma kinitx ammont fiss[15], imma kien ammont marbut mal-għamla u d-daqs tal-offerta li tkun saret minn min joffri, u għalhekk, il-formola proposta dwar it-tressiq tal-imsemmija Garanzija ma baqgħetx dik oriġinali[16], imma nbidlet ma' waħda aġġornata skond il-kjarifika mogħtija[17]. Ir-rikorrenti tisħaq[18] li b'dan il-bdil xorta waħda ma tneħħiex ix-xkiel

[8] A.L. 177 tal-2005
[9] Reg. 82 tal-A.L. 177 tal-2005
[10] OJ L134 30.4.2004
[11] Kundizzjoni 1.3 f'paġ. 10 tal-atti
[12] Kjarifika Nru 6 tat-28 ta' Mejju, 2007, f'paġ. 114 tal-atti
[13] Kjarifika Nru 5 tal-24 ta' Mejju, 2007, f'paġ. 150 tal-atti
[14] Kjarifiki Nri. 1 u 6 tal-15 ta' Mejju, 2007 u t-28 ta' Mejju, 2007, f'paġġ. 152 u 113 tal-atti
[15] Xhieda ta' Alexander Attard 20.6.2007, f'paġ. 220 tal-atti
[16] Appendiċi B, f'paġ. 84 tal-atti
[17] Appendiċi B. f'paġ. 151 tal-atti
[18] Xhieda ta' Joseph Tabone 20.6.2007, f'paġ. 207 tal-atti

tas-somma ta’ Lm 25,000 għal min ried joffri dwar il-parti tal-*hardware* tas-sejħa għall-offerti;

Tqis li jirriżulta[19] li wħud mill-membri tar-rikorrenti laħqu ressqu l-offerta tagħhom qabel ma tressaq ir-Rikors tal-lum;

Tqis li r-rikorrenti tgħid li, minħabba ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmijin fir-rikors tagħha (li huma biss tnejn minn għadd ta’ oġġezzjonijiet oħrajn li hija għandha kontra l-mod kif tfasslet is-sejħa għall-offerti[20]), bosta mill-membri taghħa qegħdin jinqatgħu ’l barra milli biss iressqu l-offerta tagħhom, u għalhekk dan jikser il-jedd tagħhom li f’sejħa pubblika għall-offerti jitħaddem il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni[21], billi ż-żewġ kundizzjonijiet effettivament joħolqu “distinzjoni teknika u ekonomika”;

Tqis li dwar l-“eċċezzjonijiet” ta’ xejra preliminari mqanqlin mill-intimati, jingħad li dawn m’humiex ġeneralment ammissibbli f’din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta’ talba għall-ħruġ ta’ Mandat m’għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b’indaġni dwar kwestjonijiet ta’ eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[22]. L-ebda waħda miż-żewġ “eċċezzjonijiet” ma tallega dan;

Tqis, madankollu, li ma jistax jingħad li mad-daqqa t’għajn, ir-rikorrenti jonqos fiha l-*locus standi* li tressaq it-talba għall-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju għas-sempliċi raġuni li hija assoċjazzjoni rappreżentativa, ukoll jekk kemm-il darba tagħmel dan f’isem u fl-interess ta’ xi membri tagħha[23];

---

[19] Xhieda ta’ Marcel Mizzi 20.6.2007, f’paġ. 216 tal-atti
[20] Dok “VF1”, f’paġġ. 195 sa 200 tal-atti
[21] Reg. 4 tal-A.L. 177 tal-2005
[22] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[23] App. Ċiv. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar noe et vs Ministru tal-Edukazzjoni*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.350**) u P.A. (Kost) AJM **14.12.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb noe et vs Avukat Ġenerali et***

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[24];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[25]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[26];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[27]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd

---

[24] Art. 873(1) tal-Kap 12
[25] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[26] Art. 875(3) tal-Kap 12
[27] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[28] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis li <u>dwar l-ilment fuq il-Garanzija ta' Offerti</u>, jirriżulta li dan ir-rekwiżit joħroġ mil-liġi nnifisha u huwa maħsub li jħares is-serjeta' u r-rabta tal-offerent jekk kemm-il darba l-offerta tiegħu tintgħażel u sakemm jissejjaħ biex jersaq għall-kuntratt. Hija waħda mill-garanziji li l-liġi titlob dwar il-prova tal-qagħda finanzjarja u ekonomika ta' min iressaq l-offerta[29], u dan fil-qafas tal-kriterji aċċettati dwar l-għoti tal-offerti[30]. Il-possibilita' ta' taba għal garanziji hija maħsuba wkoll fin-normativa Ewropeja[31];

Tqis li r-rikorrenti ma tilmentax dwar l-eżistenza fiha nnifisha tal-Garanzija ta' Offerti bħala kundizzjoni għat-tressiq ta' offerta, imma tal-fatt li l-ammont stabilit jaqla' 'l barra lil bosta minn dawk li jitħajru jressqu offerta. Dwar dan tfisser[32] li l-*bid bond* tinħadem fuq perċentwali stabilita

---

[28] Art. 873(3) tal-Kap 12
[29] Reg. 50 tal-A.L. 177 tal-2005
[30] Regg. 27, 28 u 46 tal-A.L. 177 tal-2005
[31] Par. 10 u 14 tal-Annex VIIA tad-Direttiva EC2004/18
[32] Xhieda ta' Alexander Attard,f'paġ. 220 tal-atti

ta' bejn il-wieħed fil-mija (1%) u t-tnejn fil-mija (2%) mqabbla mal-valur tal-kuntratt;

Tqis li ma jistax jingħad li l-ammonti (emendati) stabiliti għall-Garanzija ta' Offerti fis-sejħa għall-offerti taħt eżami jaqbżu dik il-perċentwali[33]. Dan jingħad minbarra l-fatt li l-intimata MITTS iddikjarat li aktar minn offerent wieħed jista' jingħaqad ma' oħrajn biex iressqu offerta flimkien b'Garanzija ta' Offerti waħda. Il-Qorti ma ntwerietx lanqas kif, b'mod konkret, il-*bid bond* applikabbli hija inkompatibbli jew sproporzjonata mal-offerta li tkun saret skond l-għażla magħmula mill-offerent. Li tgħid biss li wħud mill-offerenti potenzjali jsibuha bi tqila biex iressqu Garanzija bħal dik tista' tinftiehem li r-rabta waħedha li offerent iżomm kellmtu għandha titneħħa bla ma tgħid sa liema limitu għandha titnizżel ir-rabta finanzjarja xierqa biex torbot dik il-kelma. Il-Qorti hija tal-fehma li argument bħal dan ma jissarafx f'xi jedd li jirriżulta *prima facie*;

Tqis li dwar l-ilment fuq speċifikazzjonijiet tekniċi, ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt li s-sejħa trid li t-tagħmir magħżul fil-każ ta' *desktop computers* ikun kollu ta' ditta waħda. Hija tgħid li dan jikser il-liġi u effettivament iċaħħad lil bosta offerenti milli jressqu l-offerta tagħhom għaliex ftit huma dawk li jimmanufatturaw il-qalba tal-*computer* u wkoll il-*monitor* fl-istess waqt u jżommu l-kwalita' tal-prodott fl-ogħla livell;

Tqis li dan l-ilment ma jikkostitwix ksur *prima facie* ta' jedd. Jirriżulta[34] li l-kwestjoni tal-*branding* ta' *monitor* prattikament tissarraf f'tikkettar li jista' jsir minn min jipprovdih lix-xerrej. Minbarra dan, jirriżulta wkoll[35] li jeżistu metodi prattiċi u effettivi kif bihom il-provvista ta' oġġetti partikolari (konformi wkoll mas-sejħa li saret) tista' ssir bla xkiel li ma jistax jingħeleb;

Tqis li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti tistrieħ ħafna fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23(2) tar-Regolament Ewropew – li l-korrispondenti tiegħu fil-liġi tagħna huwa r-

[33] Ara x-xhieda fil-kontro-eżami ta' Joseph Tabone, f'paġġ. 209 sa 211 tal-atti
[34] Xhieda ta' Marcel Mizzi f'paġġ. 215-6 tal-atti
[35] Dok "MM2", f'paġ. 201 tal-atti

Regolament 45(1)(b) tal-Avviż Legali 177 tal-2005. Iżda fl-istess waqt, fl-istess Regolament, huwa prinċipju stabilit li, meta awtorita' kontraenti (f'dan il-każ, l-intimata MITTS) tagħmel riferenza għal xi speċifikazzjonijiet tekniċi "**ma tistax tiċħad offerta** għar-raġunijiet li l-prodotti u s-servizzi li dwarhom issir l-offerta ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet li dwarhom tkun għamlet riferenza, **ladarba l-offerent jagħti prova** fl-offerta tiegħu għas-sodisfazzjoni tal-awtorita' kontraenti, **b'kull mezz xieraq li jkun,** li s-soluzzjonijiet li jkun qed jipproponi jkunu jissoddisfaw b'mod ekwivalenti l-ħtiġiet imfissra bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi"[36]. Hekk ukoll fejn tintalab speċifika teknika partikolari l-awtorita' kontraenti "ma tistax tiċħad offerta għal ... prodotti jew servizzi li jkunu konformi ma' *standard* nazzjonali li jittrasponi *Standard* Ewropew, Approvazzjoni teknika Ewropeja, speċifikazzjoni teknika komuni, *standard* internazzjonali jew sistema oħra teknika ta' riferenza stabilita minn korp ta' standardiżżazzjoni Ewropew jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet ta' twettiq u ta' funzjoni li jkunu ġew stabiliti minnha"[37]. Dan kollu jingħad fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 45(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali;

Tqis ukoll li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[38], u ma jistax jintuża biex iġiegħel lill-intimati, jew min minnhom huwa inkarigat bil-proġett tas-sejħa għall-offerti, biex jagħmel xi ħaġa li bħalissa tista' tidher li mhix maħsuba li ssir jew li hemm bżonn li ssir. Huwa prinċipju aċċettat u mistenni li min jagħmel sejħa għall-offerti – kemm jekk ikun enti privata u kif ukoll jekk ikun enti pubblika jew statali – għandu kull jedd jagħżel x'irid. Mhux imħolli lil min jista' jressaq offerta f'tali sejħa li jagħżel jew jiddetta x'imissu jew x'ma jmissux jaċċetta dak jew dik l-enti li lilu jew lilha ssir l-offerta (bħallikieku l-bejjiegħ jista' jiddetta lix-xerrej x'imissu jixtri u mhux x'għandu bżonn jixtri);

---

[36] Reg. 45(3) tal-A.L. 177 tal-2005
[37] Reg. 45(4) tal-A.L. 177 tal-2005
[38] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

Tqis ukoll li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[39], disaġju jew tħassib;

Tqis, għalhekk, li f'dan il-każ, ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, u b'mod partikolari billi ma jirriżultax li r-rikorrenti għandha, mad-daqqa ta' għajn, jedd li jistħoqqlu jkun imħares jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2007, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

**Tawtorizża lir-rikorrenti** li tirtira fiżikament d-dokument MM1 (*monitor screen*) esebit waqt is-smigħ *animo ritirandi*, wara li tagħti d-debita riċevuta tal-konsenja; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 27 ta' Lulju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

39 Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)